# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 205/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Julian Coppola (ID Nru. 384867(M)) u Henrietta Coppola (ID Nru. 482892(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) t'April, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u sittin Ewro u tlett centezmi (€1067.03) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' servizzi registrati f'isem il-konvenuta Henriette Coppola migbura fil-kont bin-numru 40008420 in konnessjoni ma' liema l-konvenut Julian Coppola dahal fi ftehim ratejali datat 5 ta' Novembru, 2012 liema fehim ma giex onorat, bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2751/16 bl-imghaxijiet legali sa mill-1 ta'

Novembru, 2016 data tal-prezentata tal-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-istess konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluz il-'Payment Programme Agreement' datat 5 ta' Novembru, 2012 sottoskritt minn Julian Coppola (Dok. B1 a fol. 6 tal-process), u l-ittra ufficjali interpellatorja datata 1 ta' Novembru, 2016 (Dok. C a fol. 14 tal-process).

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikati l-intimati naqsu milli jattendu ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentaw ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimati sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u sittin Ewro u tlett

centezmi (€1067.03) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' servizzi registrati f'isem il-konvenuta Henriette Coppola migbura fil-kont bin-numru 40008420 u in konnessjoni ma' liema l-konvenut Julian Coppola dahal fi ftehim ratejali datat 5 ta' Novembru, 2012 liema fehim ma giex onorat, bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2751/16 u bl-imghaxijiet legali sa mill-1 ta' Novembru, 2016 data tal-prezentata tal-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-istess konvenuti kif mitlub.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**